MISSJONI DJOĊESANA:

# “NAGĦMLU LI ĠESU’ JKUN MAGĦRUF U MAĦBUB MINN KULĦADD”



« It-tħabbira tal-*kerygma* wasslet biex San Pawl jaqsam l-ibħra tal-Lvant Qarib u jivvjaġġja tul it-toroq tal-Ewropa sakemm wasal Ruma. Hu telaq minn Antjokja, fejn xandar il-Vanġelu lil nies li ma kienux membri tal-Ġudajiżmu u fejn id-dixxipli ta’ Ġesu’ ġew imsejħa “Kristjani” għall-ewwel darba (ara Atti 11: 20, 26). **Ħajtu u l-predikazzjoni tiegħu kienu kollha indirizzati biex jagħmel li Ġesù jkun magħruf u maħbub minn kulħadd.**

**Din hi l-missjoni tal-Knisja u ta’ kull min hu mgħammed fi żminijietna wkoll,** anke fl-era tal-globalizzazzjoni; missjoni li hi diretta wkoll lejn l-univers imħallat tal-migranti studenti ‘l bogħod minn djarhom, immigranti, refuġjati... anke l-vittmi ta’ forom moderni ta’ skjavitù, u ta’ traffikar ta’ persuni. Illum il-messaġġ tas-salvazzjoni jrid jiġi ppreżentat bl-istess mod bħal dak tal-Appostlu tal-Ġnus... **Nistqarr ix-xewqa li kull komunità Nisranija tħoss l-istess ħeġġa apostolika bħal San Pawl li, waqt li kien ixandar lil kulħadd l-imħabba salvifika tal-Missier (Rum 8:15-16; Gal 4:6) biex jirbaħ oħrajn” (1 Kor 9:22) għal Kristu, sar hu nnifsu dgħajjef “mad-dgħajfin... sar kollox ma’ kulħadd biex isalva lil kulħadd” (1 Kor 9:22).** Jalla l-eżempju tiegħu jkun inċentiv għalina biex nuru solidarjetà ma’ dawn ħutna u biex nippromovu, f’kull parti tad-dinja u b’kull mezz, koeżistenza paċifika fost ir-razzi, kulturi u reliġjonijiet differenti.

Għeżież, jalla l-Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati jkun għalina lkoll inċentiv biex ngħixu l-imħabba fraterna fil-milja tagħha mingħajr ma nagħmlu ebda distinzjoni jew diskriminazzjoni, konvinti li kull min għandu bżonn tagħna u dawk li aħna nistgħu ngħinu huma l-proxxmu tagħna. Jalla t-tagħlim u l-eżempju ta’ San Pawl jimbuttawna biex nifhmu li l-eżerċizzju tal-imħabba hu l-qofol u s-sintesi tal-ħajja Nisranija kollha.

**Għeżież, ejjew ma negħjew qatt inxandru u nagħtu xhieda b’entużjażmu għal din l-“Aħbar it-Tajba”, mingħajr biża’ u bil-qawwa kollha tagħna.** Il-messaġġ kollu tal-Vanġelu hu miġbur fl-imħabba, u d-dixxipli awtentiċi ta’ Kristu huma magħrufa mill-imħabba ta’ bejniethom u billi jilqgħu lil kulħadd.» *(Mill-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni tal-95 Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati, li se jiġi ċċelebrat il-Ħadd 18 ta’ Jannar)*

• L-esperjenza tal-Missjoni Djoċesana, permezz taż-żjajar li qed isiru f’dawn il-jiem fil-familji tagħna, huma tweġiba għal din ix-xewqa tal-Papa, li l-komunitajiet tagħna jaħdmu biex Ġesù jkun aktar magħruf u maħbub.

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***
*Il-Ħadd 18 ta’ Jannar:* Il-95 Jum Dinji tal-Migranti u r-Refuġjati / Bidu tal-Ġimgħa ta’ Talb għall-Għaqda fost l-Insara / Festa ta’ Sant’Anton Abbati (Knisja Sant’Anton, Xagħra)

*Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali*

## It-Talba tal-ġimgħa

Grazzi Mulej talli għamiltni ħaġa waħda fik permezz tal-Magħmudija u agħmel li ngħix dejjem taħt it-tmexxija ta’ l-Ispirtu li tajtni.

gozopress • 21551534



Djoċesi ta’ Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina 2008 - 2009

Il-Magħmudija tal-Mulej • Sena B • L-40 Sena (2076) • 11 ta’ Jannar 2009

Ġwanni l-Battista kien ixandar u jgħid: "Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu. Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidtkom bl-Ispirtu s-Santu."

U ġara li f’dawk il-jiem ġie Ġesù minn Nazaret tal-Galilija, u tgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan. U minnufih hu u tiela’ mill-ilma ra s-smewwiet jinfetħu, u l-Ispirtu bħal ħamiema nieżel fuqu; u mis-smewwiet instama’ leħen: "Inti ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi." (Mk. 1, 7-11)



*Huwa jgħammidtkom bl-Ispirtu s-Santu*

### *RIFLESSJONI*

- Trodd ħajr lil Alla tal-grazzja tal-Magħmudija ?
- Tifhem is-sehem li tagħtek il-Magħmudija fil-ħajja tal-Knisja?
- Ngħix il-qdusija li Alla jitlob minni u li nbdiet fija permezz tas-Sagrament tal-Magħmudija?
- Nieħu sehem fix-xandir tal-Evanġelju bħala l-missjoni ewlenija tal-Knsija?
- Naħdem biex dejjem iktar tissaħħaħ ir-rabta u l-għaqda bejn il-membri kollha tal-Knsija?